



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Jannar 2019
(OR. en)

15581/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0409 (NLE)

FRONT 454
COWEB 181

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja
dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea
għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (b) u (d) tal-Artikolu 77(2) u l-punt (c) tal-Artikolu 79(2) flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens mogħti fi (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...¹⁺, il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (2) Skont l-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², f'każijiet fejn ikun previst li jintbagħtu timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta f'pajjiż terz f'azzjonijiet fejn il-membri tat-tim ikollhom poteri eżekuttivi, jew fejn azzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi jeħtieġu dan, għandu jintlaħaq ftehim dwar l-istatus, bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat. Tali ftehim dwar l-istatus jenħtieġ li jkopri l-aspetti kollha li huma neċessarji għat-twettiq tal-azzjonijiet.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 15576/2018 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim.

² Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (Ġ.U. L 251, 16.9.2016, p. 1).

- (3) Bis-saħħa tal-Ftehim, it-timijiet tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta Ewropea jistgħu, f'konformità mal-pjan operazzjonali, jintbagħtu malajr fit-territorju tar-Repubblika tas-Serbja, jirreaġixxu għall-bidla attwali fil-flussi migratorji lejn ir-rotta kostali u jassistu fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' migranti.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE¹; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (Ġ.U. L 131, 1.6.2000, p. 43).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (Ġ.U. L 64, 7.3.2002, p. 20).

- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni, jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (7) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja, huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 14(2) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

⁺ ĠU: ST 15579/18.